QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 25 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 408/98 DM

Joseph Dimech

Vs

Philip Fenech

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm260) rapprezentanti hlas ta' xoghol konsistenti f'kisi ta' bir fil-proprjeta tieghu.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-prezenti sal-pagament effettiv u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Philip Fenech fejn eccepixxa illi:

1 Fl-ewwel lok l-ammont pretiz mill-attur huwa esagerat u mhux dovut. In effetti xi ftit tax-xhur ilu l-esponent ircieva ittra ufficjali (Dok A) fejn gie interpellat ihallas ammont inqas;

2 Ix-xoghol in kwistjoni ma sarx skond is-sengha u l-arti kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-Perit Rene Buttigieg (Dok B);

3 A kawza ta' dan l-esponent sofra danni li jammontaw ghal mitejn u erba' u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm264.20) u se mai ghandha ssir tpacija bejn dak li qed jippretendi l-attu u d-danni sofferti mill-konvenut;

4 Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat il-kontrotalba tal-konvenut fejn, wara li ppremetta illi:

1 Qieghed jipprevalixxi ruhu mill-jedd ta' rikonvenzjoni ai fini ta' l-Artikolu 396 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, talab il-kundanna tal-attur ghall-hlas lill-konvenut tas-somma ta' mitejn u erba' u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (LM264.20) rappresentant din is-somma danni sofferti mill-konvenut a kawza tax-xoghol ta' appalt li ghamel l-attur fil-bir proprjeta ta' l-istess konvenut, liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti (Dok B); Bl-ispejjez u l-imghax u bl-attur ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghal kontro talba tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Illum il-konvenut nehha kull tracca tax-xogholijiet maghmula mill-attur b'mod li din il-Qorti mhux ser tkun f'pozizzjoni li tikkonstata l-pretensjonijiet tal-konvenut;

2 Fil-mertu l-pretensjonijiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol sar skond l-arti u s-sengha.

Rat id-digriet tat-22 ta' Mejju 1998 fejn gie nominat l-AIC Joseph Mizzi bhala perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentata fis-16 ta' Novembru 2001

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fis-26 ta' Gunju 2002.

Rat l-istqarrijiet guramentata tax-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mid-deposizzjonijiet tal-kontendenti jirrizulta stabbilit illi l-prezz miftiehem ghax-xoghol ta' kisi li kellhu jghamel l-attur fil-hitan tal-bir tal-konvenut kien fis-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200).

Fejn ma jaqblux il-kontendenti huwa dwar il-materjal u spejjez in konnessjoni ma dan ix-xoghol billi waqt li l-attur jallega illi dawn ma kienux komprizi fil- mitejn lira Maltin (Lm200) miftehma u kellu jipprovdihom il-konvenut, li ma pprovdihomx u ghalhekk ghamel nefqa ulterjuri fis-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60), il-konvenut min-naha tieghu issostni illi dawn l-ispejjez kollha ghamilhom huwa stess u l-materjal ipprovdih hu.

Ghalhekk fin-nuqqas ta' ebda prova ohra jew ta' xi cirkostanza li tista' tghati kredibilita' lil xi verzjoni iktar minn ohra, il-Qorti issib illi l-pretenzjoni attrici ghandha tkun limitata biss ghas-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) ghax-xoghol illi ghamel u li jippretendi li sar skond l-arti w is-sengha.

Billi l-kontestazzjoni tal-konvenut hija wahda ta' natura purament teknika billi qieghed jallega illi x-xoghol illi esegwixxa l-attur ma kienx skond l-arti w is-sengha tant illi kellhu inehhi l-kisi kollu maghmul mill-attur u jerga' jghamel ix-xoghol mill-gdid permezz ta' terza persuna, il-Qorti nnominat lill-perit Joseph Mizzi bhala perit tekniku u dan ipprezenta r-relazzjoni tieghu fil-5 ta' Novembru 2001.

F'din ir-relazzjoni tieghu l-perit setgha jikkonstata illi x-xoghol tal-attur kien jirrigwarda biss il-hitan tal-gibja waqt li x-xoghol fl-art ta' din il-gibja kien digia' sar minn terzi persuni.

Izda billi x-xoghol kollu li kien ghamel l-attur kien lahaq tnehha qabel ma bdew dawn il-proceduri, il-perit tekniku ma setghax jezamina sew ix-xoghol ta' l-attur u jghamel it-testijiet necessarji u ghalhekk kellu jistrieh biss fuq dak li xehdu l-kontendenti u l-AIC Buttigieg u diversi kongetturi u wasal ghall-konkluzzjoni illi l-

attur huwa intitolat ghal terz tas-somma dovuta lilu ghax-xoghol u llikwida ammont ta' Lm66.50 (sitta w sittin lira Maltin u hamsin centezmu)

Il-Qorti tapprezza dan it-tentativ tal-perit tekniku biex jirrisolvi l-kwistjoni fin-nuqqas ta' provi konkreti, izda skond il-ligi tal-procedura civili jispetta li l-konvenut jressaq provi konvincenti dwar dak li qieghed jallega biex il-kontestazzjoni tieghu dwar xoghol hazin tista' tigi accettata.

Min-naha tieghu l-konvenut strah biss fuq ir-rapport in parte' tal-AIC Rene Buttigieg oltre d-deposizzjoni tieghu u anzi jistqarr ukoll illi qabel ma nbdew dawn il-proceduri huwa kien lahaq nehha  kull tracca tax-xoghol li kien ghamel l-attur biex b'hekk  elimina kull possibilita' li seta' jigi ezaminat u evaluat ix-xoghol maghmul mill-istess  attur.

Huwa veru  illi qabel ma l-konvenut nehha x-xoghol maghmul mill-attur huwa kien gab lill-perit Rene Buttigieg biex jezamina dan ix-xoghol u li l-perit Rene Buttigieg ipprezenta w ikkonferma bil-gurament ir-rapport li kien irrilaxxa dak in-nhar izda, apparti li dan ir-rapport huwa wiehed ex-parte, dan ir-rapport ma hax in kunsiderazzjoni t-tiswijiet li kien reggha ghamel l-attur u li ma gewx ikkontestati mill-konvenut.

Infatti l-konvenut stess ma jikkontestax illi l-attur wara li l-gibja bdiet titlef l-ilma kien reggha ghamel riparazzjonijiet ulterjuri u ghalhekk ma tirrizulta ebda prova dwar x'kien ir-rizultat ta' dawn ir-riparazzjonijiet effettwati mill-attur.

Ghalhekk jirrizulta illi l-konvenut stess elimina wahdu l-provi biex huwa setgha jipprova quddiem il-Qorti illi x-xoghol esegwit mill-attur ma kienx skond l-arti w is-sengha.

Min-naha l-ohra pero, jirrizulta ppruvat illi x-xoghol originarjament esegwit  mill-attur ma kienx sar skond l-arti w is-sengha u anke mir-rapport tekniku jirrizulta illi kif gie esegwit ix-xoghol senjatament mill-hxuna limitata tal-kisi originarjament moghti, u anke mill-fatt illi l-hitan ma gewx miksija fl-istess mument illi kienet qed tigi miksija l-art, l-efficjenza tal-gibja li zzomm l-ilma kienet bil-fors ippregudikata.

Ghalhekk tenut kont ta' dawn il-provi limitati u ta' dawn ic-cirkostanzi tal-kaz, u peress illi ghalkemm ma jistghax jigi determinat illi effettivament ix-xoghol li esegwixxa l-attur ma kienx ser jelimina l-perkolazzjoni tal-ilma u billi jirrizulta wkoll illi l-attur 'ex admissis' ma kienx professjonista fix-xoghol ta' tbattim ta' gwibi, kif setgha wkoll jikkonstata l-konvenut, u billi l-gibja pprovduta ghal kisi mill-konvenut ma kinitx tista' tinkesa b'mod efficjenti, issib illi ikun ekwu li tax-xoghol li ghamel l-attur huwa jithallas mill-konvenut is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100).

Ghalhekk qieghdha tilqa t-talba attrici limitatament ghal din is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) u tikkundanna lill-konvenut jhallas din is-somma lill-attur. Dwar l-ispejjez stante c-cirkostanzi hawn fuq imsemmija tordna illi dawn jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

....................................................
Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep / Reg
Civil 43